KUNSILL LOKALI
**MOSTA**
LOCAL COUNCIL

MINUTI
Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta
Seba LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 47 — Tnejn 28 ta' Awwissu 2017

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-7:35 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Keith Cassar – Sindku
James Cassar – Viċi-Sindku
Gianluca Busuttil- Kunsillier
Mario Sammut – Kunsillier
Karl Tanti – Kunsillier
Maria Pia Bonnici – Kunsillier
Mark Micallef Costa – Kunsillier
Joseph Gatt - Kunsillier
Christian Borg – Kunsillier
Jesmond Gauci-Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Francis Deguara – Kunsillier
Rachel Tua – Kunsillier

ASSENTI
Angele Rapa – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Lorraine Templeman – Segretarju Eżekuttiv

Minuti
Is-Sindku Keith Cassar ippresjeda l-laqgħa.

## 47.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta u qara l-ittri ta' apoloġiji u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġiji.

Is-Sindku nforma lil-Kunsilliera li rċevejna *email* mid-DLG, fejn talbu jekk parti mill l'assenza tal-laqgħat tal-Kunsilliera Rachel Tua min Jannar sa Ġunju 2017 huwiex ġustifikat peress li kellna niktbu lid-dipartment għax l'attendenza tas-Sinjura Tua hija inqas min dak stipulat bil-liġi. Is-Sindku għandu jkellem lil-Kunsilliera Rachel Tua peress li l-Kunsill ġie nfurmat b'mard fil-familja tagħha, biex naraw jekk din il-problema hix ġejja mil-passat fejn seta kien raġuni għan-nuqqas ta' attendenza tagħha.

47.2 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 46**
Minuti tal-laqgħa numru 46, ġew approvati.
Saret sospensjoni tal-minuti biex jiġi approvat il-*Quarterly Report* Apr-Jun 2017, numru 47.9 tal-minuti.

47.3 **Kommunikazzjoni mis-Sindku /Korrispondenza**
47.3.1 Is-Sindku nforma li bħala ammont ta' flus fid-*Development Fund*, dak li kien jissejaħ UIF/CPPS, sa 30 ta' Ġunju 2017 l'ammont kien €749,652.98c. Dawn se nibdew nużawhom fi proġetti li jridu jiġu approvati mil-*Planning Authority*, u Sindku ppropona dawn il-proġetti biex nibdew naħdmu fuqhom;-

- Triq il-Ġnejna, Triq Dun Mikiel Scerri u Pjazza Charles Vassallo biex jsiru bil-*concrete imprint.*

- *Street Lighting:* fejn jsiru bozoz tat-toroq li jkunu effiċenti bħala enerġija. Is-Sindku ssuġerixxa li Triq Kurat Calleja, Triq Dun Mikiel Scerri, Triq il-Ġnejna u Pjazza Charles Vassallo jsiru fanali stil antik.

- *Public Convenience:* fejn għalkemm il-Gvern kellu f'moħħu li jinbidlu l-*Public Conveniences* ta' Malta kollha jidher li dan il-proġett għadna ma nafux jekk hux se jsir jew le. Pero' Kunsilli oħra bil-fondi tad-*Development Funds* daħlu għal-proġett ta' dan it-tip u tlesta. Il-Kunsillier Mark Micallef Costa ssuġerixxa li l-*Public Conveniences* jsiru bil-flus. Is-Sindku qabel u ssuġerixxa wkoll li jsiru at *ground level*, u taħt jsir ġibjun fejn jinġabar l-ilma tax-xita biex l'istess ilma jintuża għat-*toilets*.
Pero' ma nistawx nibqaw nistennew il-gvern biex jsir dan il-proġett, għandna problemi kbar bil-*Public Conveniences,* u għandna l-fondi li nistaw nużaw.

Il-Kunsilliera Maria Pia Bonnici ssuġġeriet li mal-proġett jsir wkoll xi tip ta' *canopy* mad-dawra taċ-Ċentru Ċiviku biex jkun ta' kenn għal pubbliku.

Il-Kunsillier Karl Tanti staqsa jekk b'dawn il-fondi jistgħux jsiru ż-żebgħa tal-parkeġġi madwar il-Mosta biex jsir *parking plan* kif suppost, biex ma jintilfux *parking bays*. Is-Sindku nforma la għadhom kemm saru ż-żebgħa fi Triq Salvu Aquilina u Triq EB Vella, għalhekk jekk il-Kunsilliera jaslilhom xi lment li naqsu xi parkeġġi dan m'huwiex eżatt minnu għax fejn jkollok kaxxa safra tista tipparkja sakemm il-persuna qiegħed viċin il-vettura. Fil-kaz ta' *parking bay* bajda din trid tkun ta' 5 metri, allura jekk persuna għandu faċċata ta' 4 metri hemmhekk ma tistax idaħħal *parking bay*.

Il-Kunsillier Joe Gatt staqsa jekk *trakk* jistgħax jipparkja fi triq, fejn ġie nfurmat li sakemm *trakk* joqgħod ġo *parking bay*, ma jeċċedix 3.5 tonna u ma jkunx bejn wieħed u ieħor għoli iktar minn sular, jista jipparkja.

Is-Sindku propona wkoll li bil-fondi tad-*Develoment Funds* jiġu restawrati żewġ niċċeċ fil-Mosta.

- Is-Sindku ipropona li xelter ta' taħt il-knisja tinsab soluzzjoni ta' tbattil tal-ilma u sistema ta' *lighting* biex meta jintuza ma joqgħodx jinadda id-dawl temporanju.

- Is-Sindku ppropona *upgrade* ta' ġonna u *soft areas*. Ġnien Grognet u Ġnien tal-Blata l-Għolja fejn hemm sezzjonijiet ta' *gym* u bandli li għandhom bżonn li nduruwhom dawra. Is-Sindku nforma li diġa ċċekjana mal-Planning Authority fejn fondi jistgħu jintużaw għal dawn l'*upgrades*. Is-Sindku nforma wkoll li wasal iż-żmien li dawn il-ġonna jkollhom sistema ta' CCTV's.

Bħala ġonna Ġnien Kevin Vella u l-Ġnien taż-Żokkrija, s-Sindku nforma li għandu jkollu f'idejħ il-pjanti u l-estimi mil-PAMA.

Bħala fondi s-Sindku nforma li għalissa ħa naħdmu fuq dawn, u għalkemm għad m'għandhiex il-figuri, il-fondi tad-*Development Fund* għandhom jservu sew. Is-Sindku talab lil-Kunsilliera biex jekk għandhom xi idejat fejn nistgħu nkomplu nużaw il-fondi tad-*Development Fund* jipproponu l'ideat tagħhom.

Il-Kunsillier Christian Borg staqsa jekk ġnien fi Triq 15 ta' Awwissu int u niżel min Santa Margerita, fejn kien hemm il-*Cube* nistgħux nduru waħda l-bankijiet u *dustbins*.

Il-Kunsilliera approvaw unanimament biex nibdew naħdmu fuq dawn il-proġetti.

**47.3.2** Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li kellu laqgħa pubblika nhar il-Ġimgħa 25 ta' Awwissu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillier Christian Borg, mar-residenti ta' Triq il-Ġnejna. Ir-residenti ġew infurmati li bil-fondi tad-*Development Fund* il-kunsill qed jissuġerixxi li Triq il-Ġnejna ssir *concrete imprint* peress li l-fondi ma jistgħux jintużaw għal-*tarmac*. Ir-residenti ġew infurmati li Transport Malta tobbligana li meta ssir triq jrid jkun hemm bankina b'wisgħa ta' 1.5 metri, pero' peress li parti min Triq il-Ġnejna tidjieq ma tistax ssir bankina, għalhekk ġie ssuġġerit li ma ssirx bankina nkella ma tistax tintmiss it-triq.

Jidher li r-residenti li kienu preżenti oġbithom l'idea imma kellhom xi mistoqsijiet u *concerns* li dawn ħa jingħaddu lil Perit tal-Kunsill, imbagħad tissejjaħ laqgħa oħra għar-residenti biex il-Perit jkun jista jwieġeb għad-domandi tekniċi. Waħda mil-*concerns* li tqajjmet mir-residenti hija l'ammont ta' ilma li żżomm din it-triq meta tagħmel ħafna xita, fejn jekk titneħħa l-bankina jridu jsiru *culverts* mal-ġenb tat-triq, kif wkoll problema ta' drenaġġi u ilma li jinżel mil-bjut etċ., etċ.

**47.3.3** Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li kellu laqgħa ma l'Onorevoli Deo Debattista fejn is-Sindku talab li peress li l-Mosta hija ċentru turistiku fejn jżuruwa mal-miljun turist fis-sena, l-Pjazza tal-Mosta tiġi maħsula għal-inqas darba fix-xahar mil-Gvern Lokali. L'Onorevoli Debattista qal li m'għandux jkun hemm affarijiet kbar u talab lis-Sindku biex jibgħatlu proposta.

Is-Sindku wkoll staqsa lil Onorevoli Debattista jekk jixtieqx li jkun hemm attivitajiet fil-Mosta marbuta ma Valletta 18, biex il-kunċett ta' Valletta 18 tinfirex fl-irħula, u l'Onorevoli Debattista talab biex għal din wkoll is-Sindku jiibgħat il-proposta tiegħu. Is-

Sindku talab lil Kunsilliera biex jekk għandhom xi ideat jipproponuhom ħalli nkunu nistgħu ngħadduhom wkoll biex inġibu Valletta 18 lejn il-Mosta.

**47.3.4** Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li kellu laqgħa llum mal-Onorevoli Ministru Konrad Mizzi fejn wara li tħassret il-laqgħa ma Projects Malta, l-Ministru bagħat għas-Sindku biex jiltaqa' miegħu. Il-Ministru staqsa jekk kienx hemm xi deċizjonijiet ġodda peress li issa l-Mosta kellu Sindku ġdid. Is-Sindku nforma lil Ministru li ma kienx hemm tibdiliet mid-deċizjoni li kien diġa ħa l-Kunsill, sakemm il-Kunsill ma jkollux xi nformazjoni ġdida.

Il-Ministru Mizzi nforma lis-Sindku li *bidder* applika għal Żona B u *bidder* ieħor applika għal Żona A u B.

Is-Sindku nforma lil Ministru li fil-fehma tiegħu u mill-informazzjoni li għandu l-knisja għada mhix involuta.

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li l'Ministru Mizzi qabel li mhux se jħalli lil ħadd jagħmel ħsara lil knisja, u dik il-biża tista titneħħa biss jekk ssir laqgħa teknika ma l'esperti fejn jkunu nklużi l-Kunsill kollu, l-Kurja u l-Knisja tal-Mosta u mhux wieħed jew ieħor. U l-informazzjoni tiġi mgħodijja lir-residenti tal-Mosta.

Is-Sindku nforma lil-Kunsilliera li kif jkolli xi nformazjoni ħa jżomm il-kunsill infurmat.

**47.3.5** Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li l-ġimgħa dieħla ħa jkun hemm laqgħa fuq ġnien l'Għarusa tal-Mosta mad-direttur tal-MESDC PARKS, peress li mill-aħħar laqgħa li saret fi żmien il-kunsillier Alex Muscat ma kienx hemm aktar *updates.*

**47.3.6** Is-Sindku informa lil Kunsilliera li rċevejna korrispondenza mill-Assoċċazjoni tal-Kunsilli Lokali fejn issuġġerew li laqgħat tal-Kunsill jibdew fil-5:30 ta' filgħaxija. Is-Sindku nforma li ma jaqbilx ma din il-proposta għax diffiċli biex is-Sindku jibdihom fil-ħin propost, apparti li tkun diffiċli għal-kunsilliera oħra wkoll minħabba x-xogħol *full-time* personali tagħhom.

Il-Kunsilliera qablu unanimament, li tkun diffiċli biex nibdew fil-ħin propost mil-AKL.

**47.3.7** Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li Segretarju Eżekuttiv għanda tibgħat ittra liċ-Chairman tal-Planning Authority għar-*re-zoning* ta' Pjazza Sta. Margerita.
Il-Kunsilliera ġew infurmati wkoll li Lands Department irrisponda l'ittra li bagħat l'avukat tal-kunsill, fejn talbu *site plan to scale*. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil membri tal-Kunsill li din intbagħtet illum permezz ta' ittra reġistrata.
Is-Sindku nforma wkoll li qed nistennew kommunikazjoni mill-Ministru Dr. Ian Borg, peress li rċevejna *email* min għandu fejn ikkonferma li s-segretarjat tiegħu għandu jikkuntatja lil kunsill biex ssir laqgħa miegħu.

**47.3.8** Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li l-kuntratt il-ġdid tal-*Bus Shelter* qiegħed *on-hold* peress li l-kuntrattur ta' qabel li kien jieħu ħsieb il-*Bus Shelter* deherlu li l-kuntratt mhux skadut u qal li l-kuntratt li sar, jibda mhux meta ġie iffirmat imma meta joħroġ il-permess mil-Planning Authority jew il-permess tad-dawl, liema wieħed jiġi l-aħħar.

Mir-riċerki li għamlet is-Segretarju Eżekutiv il-kuntratt skada kif wkoll il-permess tal-Planning Authority. Il-kuntrattur ta' qabel għandu jiprovdi l-permess ta' meta applika u ġie nstallat id-dawl biex naraw skadiex jew le.

47.3.9 Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li bħala proġetti tal-PAMA qed nistennew il-figuri din il-ġimgħa.

47.3.10 Is-Sindku staqsa biex nibgħatu domanda ta' klarifika lil Ministru Dr. Ian Borg għax illum ħabbar li ħa ssir karreġata ġdida min fejn iċ-ċimiterju lejn it-Technopark, biex jtina ndikazjoni jekk hux ħa tgħaddi min Triq il-Mitħna jew min Pantar Road.

**47.3.11 Korrispondenza -Email-Stop Signs and silent police**

Is-Sindku qara' l-ittra fejn ġie mitlub li ssir *speed bump* fejn il-Blata l-Għolja, Triq Antonio Miruzzi ma Triq Dun Karm Sciberras.

Il-Kunsilliera approvaw li ssir *speed bump* u jsiru t-tabelli.

**47.3.12 Korrispondenza – Email- Cirk AKL 42/2017-Kollaborazzjoni mal-Kummissjoni Kontra l-Vjolenza Domestika f'sensiela ta' Attivitajiet**

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li waslitilna sejħa biex nipparteċipaw f'dawn l'attivitajiet peress li l-Kunsill diġa qed jaħdem fuq attivitajiet bħal dawn li jaqaw taħt il-kappa ta' Mosta Solidali.

Din il-korrispondenza ħa tgħaddi lil Kunsilliera, u dawk li għandhom id-dekasteru ta' Mosta Solidali biex jipparteċipaw f'dawn is-sensiela ta' attivitajiet.

**47.3.13 Korrispondenza - Sleeping Police Triq Salvu Dimech cross ma Triq Tabib Chetcuti**

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li waslet talba għal speed bump oħra.
Il-Kunsilliera qablu li din it-triq li hija dejqa u hija salib it-toroq u m'hemmx post fejn wieħed jista jsuq b'veloċita. Għalhekk din it-talba ma ġietx milqugħa.

**47.3.14 Korrispondenza - Cirkulari 23.02017-Qualification allowance**

Il-Kunsilliera approvaw il-Qualification Allowance.

**47.3.15 Korrispondenza – Ittra mingħand S-Sinjorina Liliana Borg re Qualification Allowance**

Il-Kunsilliera approvaw il-Qualification Allowance tas-Sinjorina Liliana Borg.

**47.3.16 Korrispondenza - Ittra Registrata mibgħuta lilkom 18.02.2017**

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li rċevejna ittra reġistrata mingħand is-Sur Patrick Camenzuli fejn qed jagħmel *claim* ta' 70 Ewro fuq ħsara fil-vettura.
Il-Kunsill qabel li dawn it-tip ta' *claims* jitħallsu jekk dejjem jkun hemm il-kriterji li qed jitlob il-Kunsill;

- Ritratti.
- Rapport tal-Pulizijja li jrid jsir fi żmien 24 siegħa mid-data ta' l'inċident.

- Affidavit.
- Prova li *tyres* tal-vettura qegħdin jiġi mantnuti skond il-manwal tal-vettura.

Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tikteb lil Transport Malta għal linji gwidi tagħha, kif wkoll fuq il-kriterji li qed jipproponi l-Kunsill.

**47.3.17 Korrispondenza - Email Garage in Triq il Htajriet**

Is-Sindku qara' l'ittra ta' petizjoni li bagħtu r-residenti ta' Triq Ħtajriet ma Triq San Anton Abbati, fejn hemm *garage*.

Ir-residenti bgħatu ittra lil-Planning Authority fejn qed joġġezjonaw għal permess ta' *garage* li jsir *store* pero' dan fil-verita' qed jintuża bħala mekkanik, u qed jkun hemm vetturi pparkjati barra bla pjanċi, u ħmieġ ta' karozzi.

Il-petizzjoni u rapport mil-*health* (OHSA), ħa jiġu *forwarded* lil Planning Authority.

**47.3.18 Korrispondenza - Inizjattiva finanzjarja favur fuq il kommunita librerij lokali regjonali**

Is-Sindku nforma li hemm skema tal-Gvern fejn il-kunsilli se jingħataw sa massimu ta' 800 Ewro, u l-Kunsill jrid joħroġ somma ekwivalenti. Is-Sindku qal li ġibdulu l'attenzjoni fejn fil-librerija m'hemmx komputer, għalhekk issuġerixxa li nużaw il-fondi minn din l-iskema biex jinxtraw żewġ komputers.

Jekk naqbżu l-fondi l-Kunsilliera qablu li s-sena dieħla ma napplikawx għal din l-iskema.

**47.3.19 Korrispondenza - Ċirk 21/2017- inizjattiva ta' resawr ta' postijiet storiċi 2017**

Is-Sindku nforma li jixtieq japplika pero' klawsola minnhom tgħid li jekk inti diġa bbenefikat f'dawn l-aħħar tlett snien, ma tistax terġa tibbenefika min din l-iskema. Fil-fatt fl'*annexes,* hemm imniżżel li l-Mosta diġa bbenfikat u għalhekk ma tikkwalifikax biex tipparteċipa f'din l-iskema.

Il-Kunsillier Christian Borg xtaq jżid li kif qegħdin fuq din it-tema relatata ma restawr, ġie avviċinat minn resident fejn għandu kundizzjoni u ma jistax jaħdem aktar bħala voluntier f'dak li għandu x'jaqsam bħala wirt Mosti, u nkwetat għax il-voluntiera li kienu jgħinu f'dan il-qasam huma kollha anzjani. Is-Sindku staqsa x'kien jieħu ħsieb ir-resident, u l-Kunsillier C. Borg qal li kien jieħu ħsieb il-kapella ta' Sant Andrija.

Is-Sindku nforma li din ġiet irrestawrata fl'2002 flimkien mal-Gvern Ċentrali, kif wkoll tkellimna fuq din il-kapella fil-laqgħa ta' qabel, fejn resident is-Sur Raymond Grasso talab biex jiġi moniterat l-*equipment* li hemm, fejn tlabna s-servizzi tal-Perit tal-Kunsill, biex jiġi moniterat l-*equipment* li hemm, biex jindikalna jekk hemx bżonn restawr peress li s-Sur Grasso qali li hemm xi konsenturi minħabba t-traffiku li għaddej kemm ila li Fort Road saret *one-way*.

Is-Sindku nforma li rridu naraw xi żvilupp għandu f'moħħu l-Gvern fl-*area* tal-Qares, peress li triq dejqa ħafna, u jekk jkun hemm bżonn restawr napplikaw mil-fondi tal-UIF.

Il-Kunsillier Christian Borg talab jekk jistax joħloq sotto kumitat relatat fuq wirt storiku Mosti. Is-Sindku nfurmaħ li jista, kemm jtella l-ismijiet tal-persuni li ħa jkunu fil-kumitat għal-approvazzjoni tal-Kunsill, u wara l-kumitat jkun jista jibda jiltaqa'. Is-Sindku talab

biex jipreparawlu it-*text* ħalli din titella fuq *Facebook* biex jinstabu voluntiera li lesti jkunu fil-kumitat.

**47.3.20 Korrispondenza - Ħatra ta' President Skolastiku tal-Iskola Primarja tal-Mosta**

Is-Sindku nforma li rċevejna mill-*Education* li l-*post* ta' President Skolastiku tal-Iskola Primarja tal-Mosta hija vakanti biex il-Kunsill jinnomina lil xi ħadd. Is-Sindku talab lil-Kunsilliera biex jekk jafu lil xi ħadd li jixtiequ jinnominaw jinfurmaw il-Kunsill ħalli ninfurmaw lil-*Education.*

**47.3.21 Korrispondenza Email-Green Mt -Green Pak Proposals**

Is-Sindku nforma li rċevejna l-*proposals* ta' ġbir ta' skart reċiklat mil-GreenPak u GreenMT, fejn ntbgħatu lil-Kunsilliera kollha ħalli jagħtu l-kummenti tagħhom.

Il-Kunsilliera qablu li għalkemm GreenPAK u GreenMT fil-maġġoranza qed jipproponi l'istess affarijiet, jintgħażel il-GreenMT peress li offra dawn il-proposti iktar mil-GreenPAK hawnhekk msemmija:-

- GreenMT qiegħed joffri ġbir ta' ħgieġ darbtejn fix-xahar.
- Mosta Recycle Day fejn jingħata budget ta' 500 Ewro.
- Min Jannar 2018 kollezjoni *extra* ta' 2 darbtejn fil-ġimgħa, mil-*businesses* ġewwa l-Mosta.
- *Support* ta' 250 Ewro f'reklamar.
- Jintużaw *bins-on-wheels*, li huma aktar prattiċi għax qatt ma kelna lmenti ta' *breakages*, mentri d-*domes* kelna każijiet fejn kellna nixtruhom 250 Ewro + VAT, għax jinkissru.

Is-Segretarju Eżekuttiv għanda tinforma lil Kumpaniji GreenPAK u GreenMT, kif wkoll id-DLG.

**Kommunikazzjoni mis-Sindku**

Is-Sindku nforma li fil-jiem li ġejjin ħa joħroġ it-tender ta' l-Street Sweeping.

**47.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

47.4.1 Il-Kunsillier Jesmond Gauci staqsa jekk jistgħux jsiru *speed bumps* fl'*area* ta' Triq San Ġużepp, Triq San Paċifiku, Triq Ġanni Chetcuti u Triq Salvu Gatt peress li f'dawn it-toroq il-karozzi jibqaw ħerġin minnhom. Is-Sindku nforma lil Kunsillier Gauci li f'dik l-*area* hemm kantuniera għalhekk il-vetturi ma jistgħux jispeedjaw, pero' ħa nistudjaw l'*area* mal-Perit, naraw x'jgħidilna u nevalwaw wara.

47.4.2 Il-Kunsillier Christian Borg qal li se jiltaqa' ma xi 4 residenti is-sibt li ġej biex jiżbru siġra li qegħda perikoluża f'żona Sta. Margerita, kantuniera qabel ma ddur għal-Maltaco. Is-Sindku ssuġġerixxa biex jagħmel kuntatt mal-kuntrattur, jibgħatlu r-ritratti u jinfurmaħ li m'għandux għalfejn jagħmila għax iż-żabra saret mir-residenti u kunsillier.

47.4.3 Il-Kunsilliera Maria Pia Bonnici, qalet li hemm bżonn jitwaħħal il-madum ta' Triq il-Parocca. Is-Sindku ssuġġerixxa li ssir tal-konkos nistaw nagħmlu *concrete imprint.*

Is-Segretarju Eżekuttiv għanda titlob *quote* lil Adam biex jittranġa l-madum.

47.4.4 Is-Sindku nforma li l-Pulizija għaddewlna triq fejn tas-Swej, fejn sar inċident pero' ma setawx jagħmlu rapport għax it-triq m'għandhix isem.
Għalhekk is-Sindku ssuġġerixxa li tissemma Triq tas-Swej peress li kulħadd jafa bħala tas-Swej.
Is-Segretarju Eżekuttiv għanda tibgħat tinforma lil kumitat ta' *Street Naming,* u nistennew mingħandhom il-*go ahead.*

47.4.5 Is-Sindku nforma li qed tintalab *loading/unloading bay* fi Triq Valletta fejn l'Olympus, imma Transport Malta ma approvatx din it-talba. Is-Sindku ssuġġerixxa li ssir *loading/unloading bay,* il-ġewwa fejn l'Olympus.
Il-Kunsilliera qablu, kif qed tissuġerixxi Transport Malta.

47.4.6 Is-Sindku nforma li konna tkellimna fuq ir-relokazzjoni tal-Youth Empowerment Centre. Peres li qegħdin tard jista jagħti l-kaz li nagħmlu *extension* tal-kirja tal-post ezistenti. Għalhekk ħa nkelmu lil Perit biex jibda jaħdem fuq pjanta biex jinbena s-sular ta' fuq, kif naqblu fuq il-pjanta nitolbu permess lid-DLG jekk nistgħux inmexxu b'dan il-proġett, għax b'hekk inkunu qed niffrankaw madwar 17,000 Ewro kirja fis-sena.
Fil-ġranet li ġejjin ħa niltaqaw mad-dipartiment tal-anzjani biex ninfurmawhom bl'ideja tal-Kunsill li jiġi wkoll relokat id-Day Care Centre.

## 47.5 Rapporti

### 47.5.1 Tħejjijiet għal Jum il-Mosta u Festa Qargħasel 2017.

Is-Sindku nforma li t-tħejjijiet għal Jum Il-Mosta mexjin sew, u kull ma fadal huwa l-*entertainment* tas-serata.
Il-Viċi Sindku flimkien mal-Kunsillier Karl Tanti qed jaħdmu fuq Festa Qargħasel, fejn il-programm ġie finalizzat, u Sindku daqt jkollu rapport fuq il-finanzi.

### 47.5.2 Nominazzjonijiet għall-Għoti ta' l-Onorefiċenzi u Rikonoxximenti ta' Ġieħ il-Mosta.

Is-Sindku nforma li rċevejna l'applikazjonijiet u għandna ħdax il-nominazzjoni.

Is-Sindku qara' n-nominazzjonijiet u ta' *brief* tan-nies li ġew nominati. Wara stieden lil-Kunsillieri biex jivvutaw u jimmarkaw fejn l-isem ta' dawk in-nominati.

Il-Kunsilliera vvutaw u ngħaddew il-voti hekk kif ġejjin;

- Gużeppi Mangion (8 Voti - Ġieħ)
- Gużeppi Camilleri (7 Voti - Ġieħ)
- Toni Sant (7 Voti - Ġieħ)
- Fidiel Camilleri (7 Voti - Ġieħ)
- Fr. John Scicluna (4 Voti - Rikkonoxximent)
- Victor Caruana (8 Voti - Ġieħ)
- Joe Borg (7 Voti - Ġieħ)
- Ivan Bartolo (8 Voti - Ġieħ)
- Edwin Vassallo (8 Voti - Ġieħ)
- Arthur Zammit (7 Voti - Ġieħ)
- Hillary Vella (5 Voti - Ġieħ)
- Tieni Leġislatura tal-Kunsill Lokali (7 Voti-Rikonoxximent)

Il-Kunsilliera qablu li peress li Fr. John Scicluna ma ġabx biżejjed voti, ħa jingħata rikkonoxximent flok Ġieħ il-Mosta.

- F'dan il-ħin 20:43, il-Kunsilliera Karl Tanti, Joe Gatt u Mario Sammut talbu biex jiġu skużati għax kellhom bżonn jitilqu.

47.5.3 Evalwazzjoni tat Tenders

47.5.3.1 Cleaning Services at the Mosta Local Council premises in an Environmentally Friendly Matter

Is-Sindku nforma li l'*evaluation* sar u proċess ġie finallizat. Dan it-tender intrebaħ mis-Sur Elton John Zammit għal ammont ta' 13,200 Ewro inkluż bil-VAT, għal 4 snin.

Il-Kunsilliera approvaw unanimament ir-riżultat.

47.5.3.2 Tender for the Provision of Service for the cleaning and Upkeep of Public Conveniences in Mosta in an Environmentally Friendly Matter.

Is-Sindku nforma li l'*evaluation* sar u proċess ġie finallizat. Dan it-tender intrebaħ min G3B għal ammont ta' 20,200 Ewro inkluż bil-VAT, għal 4 snin.

Il-Kunsilliera approvaw unanimament ir-riżultat.

47.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni

47.6.1 Skeda ta' pagamenti

Il-pagamenti ġew diskussi u approvati unanimament.

47.6.2 Purchase Orders

Il-purchase orders ġew diskussi u approvati unanimament.

47.6.3 Works Orders

Il-works orders ġew diskussi u approvati unanimament.

47.6.4 Petty Cash

Il-petty cash ġew diskussi u approvati unanimament.

47.6.5 Quarterly Report Apr-Jun 2017

L'*accountant* Daniel Galea, spjega li dan ir-rapport huwa *Quarter 2* imma jirrifletti *Quarter 1 and 2* f'daqqa, iġifieri min Jannar sa Marzu 2017 (*Quarter 1*), u min April sa Ġunju 2017 (*Quarter 2*).

*Statement of Income and Expenditure*:- qed inqabblu l-ħruġ u dħul tal-kunsill ta' l'ewwel sitt xhur mqabbel ma l-*annual budget*. Total ta' dħul 715,000 Ewro mqabbel ma *budget* ta' dħul ta' 1.5 miljun, u ħruġ 615,000 Ewro mqabbel ma *budget* ta' ħruġ ta' 1.2 miljun, għalhekk il-kunsill jinsab *in-line* mal-*budget*.

Konna qed nipjanaw *budget* ta' *surplus* ta' 226,000 Ewro meta wieħed jara is-sena 2017 waħda bħala tnaqqis ta'dejn, hawnhekk wkoll il-kunsill qiegħed *in-line*.

*Community Services*:- dawn jirriflettu l'attivitajiet li jkun hawn fil-komunita, bħala permessi u dħul ieħor in ġenerali.

*Operations and Maintenance*:- Hawnhekk hawn spiża ta' 350,000 Ewro, meta l-*budge*t huwa ta' kważi 700,000 Ewro, fejn qegħdin naqra *over budget*. L'*accountant* irrimarka li għad qed nistennew xi *invoices* oħra mingħand il-kuntratturi.

Spejjeż Amministrattivi:- L'*accountant* irrimarka li 14,000 Ewro huma *write-off* ta' l-istock tal-kotba, u dik hija spiża li trid tidher.

*Balance Sheet*:- *Fixed Assets* li għandu l-kunsill huwa ta' 2.8 miljun. *Receivables* li kellu jirċievi l-kunsill sa l'aħħar ta' Ġunju 46,000 Ewro. Flus il-bank 312,000 Ewro.

*Current Assets* qiegħed bil-*minus*, għalhekk jekk wieħed jara x'kellu jirċievi l-kunsill, ma dak li għandu xi jħallas, hemm *deficit* ta' 11,000 Ewro għax il-kunsill għandu aktar xi jħallas milli jirċievi, pero' l-kunsill qiegħed *in-line* mal-*budget*.

*Non-current Liabilities* ta' 930,000 Ewro li ammont sostanzjali minnhom huma *differed income*. Dawn huma *grants* kapitali li l-kunsill irċieva imma minħabba l'*accounting treatment* qed jidru bħala *liability*. Mit-2018 l'*accounting treatment* ħa jinbidel ma l'istruzzjonijiet li tagħna d-dipartiment, fejn jitnaqqas il-valur tal-proġett li sar.

Il-Kunsilliera approvaw unanimament il-*Quarterly Report* Apr-Jun 2017.

**47.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fid-9:40p.m. u ġiet aġġornata għat-18 ta' Settembru fis-7.30 p.m.

Konfermati llum 28 ta' Awwissu 2017.

| | |
|---|---|
| Keith Cassar | Lorraine Templeman |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |